# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Mejju 2002

## Avviz numru : 13/2002GT(GM)

**Antoinette mart John Sultana flimkien ma' binha Ismail Victor Sultana**

**vs**

**L-istess John Sultana**

**It-Tribunal ,**

**Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :**

**"Illi bejn il-kontendenti hemm proceduri ghal separazzjoni.**

**Illi skond digriet mahrug fis-sittax (16) ta' April tal-elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) il-konvenut kellu jhallas lill-attrici s-somma ta' hmistax il-lira Maltija (Lm15) fil-gimgha in linea ta' alimenti ghal binhom minuri Ismael Victor.**

**Illi l-konvenut naqas li jhallas is-somma ta' mitejn u sebghin lira Maltija (Lm270) li jirrapprezenta alimenti ghal tmintax (18) il-gimgha bejn l-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn (2000) u s-sebgha (7) ta' Settembru tas-sena elfejn (2000).**

**Ghaldaqstant l-attrici qed titlob li din l-Onorabbli Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas dan l-ammont flimkien ma' l-ispejjes ta' din il-procedura."**

**Ra r-risposta:**

1. **In-nuqqas ta' interess guridiku tal-attrici Antoinette Sultana li tipprocedi b'din il-kawza stante li l-istess attrici ma baqghalha u m'ghandha ebda jedd li titlob jew li tesigi l-hlas tal-ammont pretis minghand il-konvenut;**

2. **Bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni mhuwiex proceduralment korrett li l-atturi jitolbu lil dan it-Tribunal l-**

**esekuzzjoni ta' ordnijiet li jemanaw minn Qorti ohra, liema esekuzzjoni riedet tintalab quddiem l-istess Qorti li minnha emana d-digriet, u konsegwentement dan it-Tribunal mhuwiex kompetenti li jisma' u jiehu konjizzjoni tat-talba attrici;**

3. **Fil-meritu l-eccipjenti m'ghandu jaghti xejn aktar lill-atturi kif ser jigi ppruvat ampjament fil-kors tal-kawza;**

4. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Sema' x-xhieda u qara d-dokumenti esibiti**

**Ikkunsidra**

**Billi t-talba tal-attrici temana minn digriet tal-qorti ta' gurisdizzjoni volontarja u skond Artiklu 470 ta' Kap 12, dik il-qorti ossia l-qorti ta' gurisdizzjoni kontenzjuza, skond il-kaz, hija l-foro kompetenti sabiex tordna l-hlas ta' manteniment, dan it-Tribunal jiddikjara ruhu inkompetenti *ratione materiae* u ghalhekk jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz.**

**L-ispejjez ta' din il-kawza, inkluzi d-drittijiet tal-avukati, ghandhom jithallsu mill-atturi.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**